FEJN HU
ĦUK?

PROĠETT PARROĊĊA SAN ĠORĠ
2020-2022

# Il-Mejjet

## Ktieb ta' talb

Aħna nemmnu fil-ħajja ta’ dejjem. Kull persuna li titnissel tibqa’ tgħix għal dejjem. Dan il-ktieb ta’ talb jista’ jgħinek biex titlob għall-mejtin. Permezz tiegħu tista’ tagħmel karità billi titlob għal dawk li ħallewna. It-talb għandu l-kapaċità li jgħin fil-proċess ta’ *bereavement*. It-talb għandu l-kapaċità li jfejjaq ġrieħi kkawżati minn persuni li issa mietu. It-talb għandu l-qawwa li jwassalna nħallu lill-għeżież tagħna jmorru fil-paċi. Agħmel dan l-att ta’ mħabba u itlob għall-mejtin. Il-Mulej għadda mill-proċess tal-mewt għalina biex aħna nemmnu fil-qawmien.

# SAN DAMJAN TA' MOLOKAI
## Qaddis għal min hu minsi u abbandunat

Josef de Veuster (1840-1889) kien żagħżugħ fuq tiegħu li kien iħobb jgħix, saħansitra kien jipparteċipa f'kompetizzjonijiet tal-i*skating* f'raħal twelidu. Trabba f'familja devota ħafna fi Tremelo, il-Belġju, u għażel li jimxi fuq il-passi ta' ħuh il-kbir u jingħaqad ma' ordni reliġjuż. Daħal mal-Kongregazzjoni tal-Qlub Imqaddsa ta' Ġesù u ta' Marija fl-1859 u ħa l-isem ta' Damjan. Huwa magħruf għall-ħeġġa missjunarja li kellu. Fl-1863 offra li jmur il-missjoni fil-Hawaii minflok ħuh li kien marradi. Iż-żelu li kellu lejn il-Missjoni malajr rah imlaqqam 'il-Qaddis tal-Lebbrużi' u fl-2009 huwa ġie kkanonizzat mill-Papa Benedittu XVI bil-festa liturġika tiegħu tiġi ċċelebrata fl-10 ta' Mejju.

Damjan wasal f'Hanolulu fl-1864 u ġie ordnat qassis f'Mejju ta' dik l-istess sena, fejn għamel għaxar snin imexxi l-merħla tiegħu mingħajr l-ebda problema partikolari. Dan kollu nbidel malli faqqgħet il-lebbra fil-pajjiż. Dakinhar il-lebbra kienet għadha bla fejqan u kienet tikkonsisti fit-taħsir tal-ġisem ftit ftit. Il-morda kienu jintbagħtu jmutu waħedhom fuq il-gżira ta' Molokai bl-ebda tama li jerġgħu jaraw lill-għeżież tagħhom.

L-Isqof tal-Hawaii Mons. Louis Maigret xtaq ħafna jibgħat lil xi qassisin jaqdu lill-morda f'Molokai, imma kien jaf li jkun qed jikkundanna lil dak li jkun għall-mewt. Huwa ddeċieda li jsejjaħ għal voluntiera u Damjan mill-ewwel

aċċetta. Huwa telaq għal Molokai fl-10 ta' Mejju 1873 u biex jibża' għal ħajtu kien jgħix waħdu taħt siġra.

Għal sittax-il sena qeda l-ministeru tiegħu bħala "missier l-ikkundannati". Huwa kien jiċċelebra s-sagramenti, jagħti struttura lill-komunità, jibni d-djar u jdewwi lill-morda. Damjan kien jgħin lill-morda anki fuq livell mentali, peress li kienu jqisu lilhom infushom ikkundannati għall-mewt. Bosta kienu jillaxkaw mill-atteġġjament tagħhom u jaqgħu f'ħajja midinba.

L-iskop primarju ta' San Damjan kien li jressaq lil-lebbrużi lejn Alla u dan kien jirrikjedi li jerġa' jagħti t-tama lill-morda. F'Molokai, Damjan kien iħaffer l-oqbra hu stess għall-morda biex jurihom li ġisimhom, għad li marid, ħaqqu d-dinjità kolha u allura anki l-atteġġjament tagħhom għandu jkun wieħed dinjituż. B'dawn il-ġesti hu wassal lill-morda biex jerġgħu jibdew jittamaw fil-ħajja ta' dejjem. Sal-mewt ta' Damjan il-gżira ta' Molokai kienet ikkonvertiet għar-reliġjon Kattolika.

Fl-1888 ingħaqdu ma' Damjan, Santa Marija Cope u xi sorijiet Franġiskani minn Syracuse fi New York. Cope daret ukoll b'Damjan xħin eventwalment marad bil-lebbra. Huwa miet fl-età ta' 49 sena fil-15 ta' April, 1889 u kien diġà meqjus bħala eroj umanitarju. Ġie midfun taħt is-siġra li kien jorqod għad-dell tagħha, imma fl-1936 ir-Re tal-Belġju talab li San Damjan jiġi midfun f'art twelidu, u din it-talba ġiet milqugħa.

San Damjan irrifjuta kemm-il darba li jitlaq lil Molokai minħabba ż-żelu li kellu biex jirbaħ il-qlub għal Kristu. F'ittra lil ħuh jiktiblu hekk: "Ħafna nies jitħassruni u jgħidu li jiena xortija ħażina, imma dan mhuwiex minnu, għaliex jiena l-iżjed missjunarju ferħan". Is-sagrifiċċju ta' Damjan huwa bħal dak ta' Kristu kif naqraw fi Ġw 15:13: "Ħadd m'għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħaddieħor". Il-Papa San Ġwanni Pawlu II qal hekk waqt il-beatifikazzjoni ta' San Damjan: "X'seta' offra aħjar lil-lebbrużi l-oħra waqt li kienu qed imutu mewta qalila, milli l-fidi tiegħu stess fl-imħabba ta' Kristu u li Alla hu mħabba? Hu sar lebbruż fost il-lebbrużi u lebbruż għal-lebbrużi. Huwa bata u miet bħalhom bil-konvinzjoni li ħa jqum ma' Kristu, għaliex Kristu hu l-Mulej!".

## 1. Offerta tal-Quddiesa b'suffraġju tal-Erwieħ tal-Purgatorju

Missier Etern, ftakar li bi mħabba kbira l-uniku Iben tiegħek waqqaf is-sagrifiċċju tal-Quddiesa mhux biss għall-ħajjin, iżda wkoll għal dawk kollha li ħallewna. Għalhekk noffrilek dan is-Sagrifiċċju tal-Imħabba għal ruħ (N.N.) u għal dawk kollha li għandhom bżonn l-għajnuna sabiex b'hekk inti, Alla tal-akbar ħniena, ittaffi t-tbatijiet tagħhom u tagħtihom bla dewmien il-ħelsien mill-pieni tal-Purgatorju. Ammen.

## 2. Għall-Ulied

a. Ilqa', o Mulej, ir-ruħ ta' ibni/binti illi inti għoġbok issejjaħ għal għandek minn din id-dinja u naddafha minn kull dnub sabiex b'hekk tkun tista' tgawdi mill-ferħ etern li qatt ma jispiċċa u tingħaqad mal-qaddisin kollha fil-glorja tal-Qawmien. Int ġietek ħniena minn dik l-armla li kienet qed tibki l-mewt ta' binha u tajthulha fi ħdanha lura ħaj. Inti mort fid-dar ta' Ġajru u tajt lura l-ħajja lil bintu. Jiena nemmen fik u naf li inti tiġborna flimkien fid-Dar tal-Missier fejn ħejjejtilna post. Nitolbok, iżda, li tagħtini s-saħħa u daqstant ieħor il-paċi biex naċċetta r-rieda tiegħek għal dan iż-żmien ta' firda mill-għeżież tiegħi. O Verġni Mbierka, Omm Addolorata, li f'riġlejn is-salib sofrejt dulur hekk kbir hekk li ġejt imsejħa Sultana tal-Martri, nitolbok li ssaħħaħ l-ispirtu mfarrak tiegħi u li tagħtini ċ-ċertezza li fi żmien qasir nerġgħu nkunu flimkien, bi Kristu Ġesù Sidna. Ammen.

b. O Mulej, int li rajt iġelben minn għajnejna d-dmugħ ta' tbatija kbira għall-mewt tal-għażiż/a iben/bint tagħna, nitolbuk,

isma’ x-xewqa ta’ qalbna li nemmnu u nafdaw li għalkemm m’aħniex nifhmu, din kienet ir-rieda tiegħek. Fakkarna fl-imħabba tiegħek anki matul in-niket tagħna. Ammen.

## 3. Għall-Ġenituri

O Alla ta’ ħniena u mħabba bla qies, nitolbok tisma’ t-talb tiegħi għall-ħelsien fil-pront ta’ ommi/missieri mill-Purgatorju. F’ġieħ it-tbatija li sofrew minħabba fija u l-ġid li dejjem xtaquli f’kull mument, għall-ħniena tiegħek eħlishom mill-pieni tal-Purgatorju. Daħħalhom fit-tgawdija tiegħek sabiex ma jiqfux jitolbu li ġurnata jiena wkoll narahom fis-Sema u ma ninfired qatt iktar minnhom. Ammen.

## 4. Għall-Koppji miżżewġa

O Mulej ta’ tjieba bla qies, int li għollejt għad-dinjità ta’ sagrament iż-żwieġ imqaddes u li għallimt lill-miżżewġin iħobbu lil xulxin b’dik l-imħabba li tixbah ir-rabta tiegħek mal-Knisja l-Għarusa tiegħek, bla ma jieqfu qatt juru mħabbithom lejn xulxin; ilqa’, nitolbok, it-talb li jien qed nagħmillek għar-ruħ tal-għażiż/a żewġi/marti (N.N) li inti tajtni matul din il-ħajja u li inti issa sejjaħt għal għandek. Għallimni biex inqiegħed biss fik it-tama u l-hena tiegħi.

Mulej, ilqa’ fi ħdanek dik ir-ruħ imbierka, u waqt li tisma’ t-talb li j/tagħmillek għalija, agħmel li jiena ngħix ħajja qaddisa biex jistħoqqli li ningħaqad magħkom fil-glorja għal dejjem ta’ dejjem. Ammen.

## 5. Għall-Ġenituri u l-Benefatturi

O Mulej, int li l-gost tiegħek taħfer lill-midneb, itfa' l-ħarsa tiegħek ta' ħniena fuq l-erwieħ tal-ġenituri, ħbieb u benefatturi tiegħi, u għall-merti ta' Ġesù Kristu, li jingħata għalina f'dan is-Sagrifiċċju, għall-imħabba ta' Ommna Marija u l-interċessjoni ta' San Ġużepp, tal-Anġli u tal-Qaddisin kollha tas-Sema, agħmel li bla dewmien jidħlu fil-glorja eterna tal-Ġenna. Ammen.

## 6. Għal xi persuna għażiża

Isma', o Mulej, il-leħen tiegħi li bih nitolbok li jkollok ħniena mir-ruħ għażiża ta' (N.N.) li int għoġbok issejħilha mill-jasar ta' din id-dinja. O demm għażiż u prezzjuż ta' Ġesù li jiena noffri f'dan is-Sagrifiċċju qaddis, naddafha minn kull tebgħa, u għall-ħniena infinita tiegħek agħtiha serħan u paċi u daħħalha fix-Xirka tal-Qaddisin, fl-hena bla tmiem, fis-sbuħija tad-dawl divin tiegħek. Agħtiha, Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem, id-dawl ta' dejjem jiddi lilha u tistrieħ fis-sliem ta' dejjem. Ammen.

## 7. Għal persuna li weġġgħetni

Mulej, aħfer lill-għedewwa tiegħi u lil dawk kollha li ppruvaw iweġġgħuni jew jonqsuni. Fil-ħniena tiegħek ħares lejn dawk li jien narahom bħala għedewwa u agħtihom il-grazzja li jaraw l-imħabba ta' Kristu f'kulma nagħmel u fl-imġiba tiegħi lejhom.

Illum nixtieq nitlob għal din il-persuna (N.N.), li dment li kienet tgħix hawn fostna għamlitli ħajti martirju. Issa ħalliet

din id-dinja u marret fl-eternità. Tħallinix nobgħodha jew nixteqilha d-deni; għall-kuntrarju, imla lil qalbi bil-paċi li tiġi biss milli jien inħobb lilek kif ukoll lill-għedewwa tiegħi.

Agħtini l-grazzja mhux biss li lil din il-persuna naħfrilha, imma li nbierek ukoll lil dawk kollha li jippersegwitawni, għaliex b'hekk inkun qed nara xbieha tal-grazzja tiegħek. Għal dan kollu nfaħħrek u nirringrazzjak. Nitolbok, Mulej, tħarisx lejn dnubietha, imma fl-isem imbierek ta' Ġesù agħtiha l-maħfra u l-ħajja eterna. Ammen.

## 8. Talba lil Marija Santissma għall-Erwieħ tal-Purgatorju l-iktar minsija

O Marija, ħniena ta' dawk l-erwieħ li qegħdin fil-Purgatorju biex jiġu msoffija u li ma għandhom lil ħadd fid-dinja jaħseb fihom. O Marija, Omm twajba, itfa' fuqhom il-ħarsa ħanina tiegħek. Ħeġġeġ lil tant Insara ta' qalb tajba biex jitolbu għalihom, u nitolbuk tidħol għalihom. *Salve Regina.*

## 9. Talba lil Ġesù Kurċifiss

Hawn jien, o Ġesù maħbub tiegħi, mixħut quddiem il-preżenza mqaddsa tiegħek, nitolbok bl-akbar ħrara li tistampa fil-qalb tiegħi sentimenti ta' fidi, ta' tama u ta' mħabba, ta' dulur ta' dnubieti u ta' proponiment li ma noffendik qatt iżjed. Filwaqt li bl-imħabba u l-ħniena kollha sejjer inġib quddiem għajnejja l-ħames pjagi tiegħek, ibda minn dak li qal fuqek il-qaddis profeta David: "Nifduli jdejja u riġlejja, għaddewli għadmi kollu". *Missierna, Ħobżna, Sliema, Qaddisa, u Glorja.*

## 10. De Profundis (Salm 130)

Minn qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej:
isma', Sidi, il-leħen tiegħi!
Ħa jkunu widnejk miftuħa,
jiena u nitolbok bil-ħniena.
Jekk tal-ħtijiet int tagħti kas, Mulej,
Sidi, min jista' jżomm sħiħ?
Imma għandek hemm il-maħfra,
biex hekk inqimuk fil-biża' tiegħek.

Jien lill-Mulej nistenna,
ruħi f'kelmtu tittama.
Tistenna ruħi lil Sidi,
aktar milli l-għassiesa s-sebħ.
Aktar milli l-għassiesa s-sebħ,
jistenna Iżrael lill-Mulej!
Għax għand il-Mulej hemm it-tjieba,
u l-fidwa għandu bil-kotra.
Hu li jifdi lil Iżrael
minn ħtijietu kollha.

## 11. Għall-Mejtin

Nitolbuk, o Mulej għall-ġenituri u ħbieb kollha, li nafu li ħallewna matul dawn is-snin; għal dawk li matul ħajjithom kollha kellhom il-fidi fik, li fdaw fik, li ħabbewk; kif ukoll għal dawk li ma fehmu xejn u li fittxewk b'mod żbaljat; u fl-aħħar nett għal dawk li int urejthom min tassew int, ħniena u mħabba bla tarf. Agħmel, o Mulej, li tasal il-ġurnata li lkoll kemm aħna għad ningħaqdu flimkien għal festa waħda fis-Sema. Ammen.

## 12. Fil-mewt ta' Saċerdot

O Mulej tant ħanin, li kemm domt fostna fdajt il-Kelma u s-Sagramenti lis-saċerdot qaddej tiegħek (N.N.), agħtih issa l-grazzja li jgawdik fil-Liturġija tas-Sema. Nirringrazzjak f'isem il-persuni kollha li ħadem magħhom għall-grazzji li int xerridt permezz tiegħu, filwaqt li nitolbok turi ħniena miegħu fid-dgħufijiet tiegħu. Ilqgħu fis-saltna tiegħek tas-sliem. Bi Kristu Ġesù Sidna, is-Saċerdot il-Kbir. Ammen.

## 13. Fil-mewt ta' Reliġjuż/a

Mulej, int li ssejjaħ lil kull bniedem għall-qdusija, nitolbok għar-ruħ għażiża ta' ħuna/oħtna (N.N.), u li fil-ħajja kienet ikkonsagrata kollha kemm hi għalik. Missier Qaddis, f'isem tant persuni li għenet bit-talb u bil-ħidma, nirringrazzjawk għall-vokazzjoni ta' din ir-ruħ. Nitolbuk biex ma tħarisx lejn il-ħtijiet li frott id-dgħufija setgħet għamlet, iżda bil-grazzja tiegħek tilqagħha fil-glorja ta' dejjem flimkien mal-Qaddisin fis-Sema. Ammen.

## 14. Għal persuna li mietet wara marda twila

O Mulej, li sejjaħt fi ħdanek lil (N.N.), li fil-ħajja tiegħu/tagħha qasam/qasmet fil-passjoni ta' Ibnek fil-ġisem u fir-ruħ, f'ġieħ it-tbatija li sofra/sofriet fil-mard tiegħu/tagħha, agħtih/a l-grazzja tal-premju fil-glorja tal-Ġenna. B'Ġesù Kristu Sidna. Ammen.

## 15. Fil-mewt ta' żagħżugħ/a

O Mulej, int li tagħti l-ħajja lill-bniedem, int qed tara l-weġgħa kbira ta' din il-familja li tilfet lil (N.N.), wieħed/waħda minn uliedha, f'età hekk tenera fuq din l-art; aħna nafdawh/a f'idejk. Filwaqt li diffiċli nifhmu r-rieda tiegħek, nemmnu li int se tieħu ħsiebu/ha għal dejjem hemm fejn nixxennqu li aħna wkoll għad naslu. Bi Kristu Sidna. Ammen.

## 16. Għal min imut b'mewt ħabta u sabta

O Mulej Missier tagħna, sabbarna bis-saħħa ta' mħabbtek u dawwal dan in-niket tagħna u aċċertana li dan/din ħuna/oħtna (N.N.) maħsud/a minn fost l-għeżież tiegħu/tagħha b'mewt għall-għarrieda, j/tgħix issa hieni/ja għal dejjem fi ħdanek. Ibgħat lil Ommok Marija, li kienet wieqfa taħt is-salib tiegħek, biex tkun mal-għeżież tiegħu/tagħha. Dan nitolbuhulek bi Kristu Ġesù Sidna. Ammen.

## 17. Talba lil Ġesù Sagramentat

O Ġesù Sagramentat, ikollok ħniena u karità mill-erwieħ tal-Purgatorju, taffilhom il-pieni, eħlishom min-nar, ħudhom il-Ġenna miegħek, ħalli jiġu jgawduk għall-eternità.

## 18. Supplika lil Ġesù għall-Erwieħ tal-Purgatorju

O Ġesù wisq maħbub, illum nippreżentawlek il-bżonnijiet tal-erwieħ tal-Purgatorju. Huma qed isofru u jixtiequ ferm li jiġu għandek, il-Ħallieq u s-Salvatur tagħhom, biex jibqgħu miegħek għal dejjem. Nirrikkmandawlek, o Ġesù, l-erwieħ

kollha tal-Purgatorju, b'mod speċjali dawk li mietu b'mod mhux mistenni f'xi inċident, xi traġedja jew xi marda, mingħajr ma setgħu jħejju ruħhom. Nitolbuk ukoll għall-erwieħ abbandunati. Nitolbuk, Mulej, b'mod partikulari li jkollok ħniena mill-erwieħ tal-ġenituri tagħna, ħbieb, familjari, u dawk tal-għedewwa tagħna. Ilqa', o Ġesù maħbub, dawn it-talbiet umli tagħna. Nippreżentawhomlok minn idejn Marija Santissma, San Ġużepp u l-Qaddisin kollha tas-Sema. Ammen.

## 19. Talba universali għall-Erwieħ tal-Purgatorju – Litanija

O Ġesù, inti li batejt u mitt biex il-bnedmin kollha jiksbu s-salvazzjoni u l-ferħ etern, isma' l-ilħna umli tagħna li qed jitolbuk ħniena għall-erwieħ…

Tal-għeżież ġenituri u nanniet – *Mulej, ħniena.*
Tal-aħwa u ta' dawk kollha li jiġu minna – *Mulej, ħniena.*
Tal-parrinijiet tal-Magħmudija u tal-Griżma tal-Isqof – *Mulej, ħniena.*
Tal-benefatturi spiritwali u materjali – *Mulej, ħniena.*
Tal-ħbieb u l-ġirien – *Mulej, ħniena.*

Ta' dawk kollha li l-imħabba u d-dmir iġagħluni nitlob għalihom – *Mulej, ħniena.*
Ta' dawk kollha li ħtija tiegħi setgħu ġarrbu xi tbatija jew ħsara – *Mulej, ħniena.*
Ta' dawk kollha li huma tant għal qalbek – *Mulej, ħniena.*
Ta' dawk kollha li għandhom xewqa kbira li jingħaqdu miegħek – *Mulej, ħniena.*

Ta’ dawk kollha li qed ibatu pieni mill-iktar ħorox – *Mulej, ħniena.*
Tal-erwieħ abbandunati – *Mulej, ħniena.*
Ta’ dawk kollha li jinsabu fil-Purgatorju – *Mulej, ħniena.*
Ta’ dawk kollha li qdew il-Knisja – *Mulej, ħniena.*

Tal-għonja li issa imma huma foqra – *Mulej, ħniena.*
Tal-qawwija li issa huma mill-iktar imsejkna – *Mulej, ħniena.*
Ta’ dawk li kienu spiritwalment għomja imma issa qed jaraw il-bluha tagħhom – *Mulej, ħniena.*
Ta’ dawk ittraskurati li għaddew ħajjithom fl-għażż – *Mulej, ħniena.*
Tal-foqra li qatt ma fittxew it-teżori tas-Sema – *Mulej, ħniena.*
Tal-bierda li ddedikaw ftit li xejn ħin għat-talb – *Mulej, ħniena.*
Ta’ dawk bla kont li ttraskuraw li jagħmlu opri tajba ta’ karità – *Mulej, ħniena.*
Ta’ dawk ta’ ftit fidi li rari resqu għas-Sagramenti – *Mulej, ħniena.*
Ta’ dawk li ma ħejjewx ruħhom għall-ħajja ta’ dejjem – *Mulej, ħniena.*
Ta’ dawk li warajhom ħallew tbatija u inġustizzji anki fil-wirt – *Mulej, ħniena.*
Ta’ dawk li l-Ġudizzju Divin għalihom se jkun tassew iebes billi lilhom ġie mogħti ħafna – *Mulej, ħniena.*

Tal-Papiet, tar-Rejiet u l-Gvernijiet – *Mulej, ħniena.*
Tal-Isqfijiet u s-saċerdoti – *Mulej, ħniena.*
Tar-reliġjużi, l-erwieħ ikkonsagrati u l-missjunarji – *Mulej, ħniena.*
Tal-għalliema u d-diretturi spiritwali – *Mulej, ħniena.*
Tad-difensuri tal-fidi – *Mulej, ħniena.*

Tal-migranti li mietu fil-vjaġġ – *Mulej, ħniena.*
Ta’ dawk li sabu qabarhom fil-baħar – *Mulej, ħniena.*

Ta’ dawk li mietu f’salt wieħed – *Mulej, ħniena.*
Ta’ dawk li mietu bil-kanċer, bl-Aids, bil-Coronavirus, jew b’xi mard ieħor – *Mulej, ħniena.*
Tal-persuni li temmew ħajjithom b’idejhom – *Mulej, ħniena.*
Tal-persuni li wettqu jew assistew għall-abort – *Mulej, ħniena.*
Ta’ dawk li se jmutu matul dawn l-erbgħa u għoxrin siegħa – *Mulej, ħniena.*

Ta’ ruħi, meta għad tidher quddiem il-Missier Etern – *Mulej, ħniena.*

## 20. Għall-Agonizzanti

O Ġesù ta’ qalb l-aktar ħelwa, ningħaqad f’qalbi mal-agunija tal-Qalb Imqaddsa tiegħek u mad-duluri ta’ Ommok Immakulata; aħsel f’demmek il-midinbin tad-dinja li f’dan il-lejl (jew f’dan il-jum) se jgħaddu għal ħajja oħra. O qalb agonizzanti ta’ Ġesù, ikollok ħniena mill-moribondi, inti li tgħix u ssaltan għal dejjem ta’ dejjem. Ammen.

## 21. Il-Midinbin għandhom prijorità
(Mid-Djarju ta’ Santa Fawstina Kowalska, par. 1541)

“Binti, ħajjar lill-erwieħ jgħidu l-kurunella (tal-Ħniena Divina) li jiena tajtek. Jiena nieħu gost nagħtihom dak kollu li huma jitolbuni permezz tal-kurunella. Meta midinbin b’qalbhom iebsa jgħiduha, jiena nimlielhom ruħhom bil-paċi, u s-siegħa tal-mewt tagħhom tkun waħda hienja.

Ikteb dan għall-erwieħ li jinsabu għaddejjin mill-għawġ: meta ruħ serjament tintebaħ bil-gravità tad-dnubiet tagħha,

meta l-abbiss kollu tal-miżerja li fih hi ntefgħet jidher quddiem għajnejha, hi m'għandhiex tiddispra, imma bil-fiduċja għandha tintefa' f'dirgħajn il-Ħniena tiegħi, bħalma tarbija tintefa' f'dirgħajn l-omm maħbuba tagħha. Dawn l-erwieħ għandhom dritt ta' prijorità fuq il-Qalb ħanina tiegħi; huma l-ewwel li jilħqu l-ħniena tiegħi. Għidilhom li l-ebda ruħ li sejħet il-ħniena tiegħi ma ġiet iddiżappuntata jew umiljata. Jiena nitpaxxa b'mod speċjali b'ruħ li poġġiet il-fiduċja tagħha fit-tjubija tiegħi. Ikteb illi meta huma jgħidu din il-kurunella fil-preżenza tal-moribond, jiena nidħol bejn Missieri u l-moribond mhux biss bħala Mħallef ġust iżda bħala Salvatur mimli ħniena".

## 22. Kurunella b'suffraġju tal-Erwieħ tal-Purgatorju
(tingħad fuq il-kuruna tar-Rużarju)

*(Fuq iż-żibeġ tal-Missierna)*
O Qalb Divina ta' Ġesù,
ikkonverti lill-midinbin,
salva 'l-moribondi
u eħles lill-erwieħ imqaddsa tal-Purgatorju.

Agħtihom, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem,
id-dawl ta' dejjem jiddi lilhom,
jistrieħu fil-paċi.
Ammen.

*(Fuq iż-żibeġ tas-Sliema)*
Ġesù, Marija, Ġużeppi, jien inħobbkom, salvaw l-erwieħ. (x10)

*(Wara l-ħames posta)*
Skont l-intenzjoni tal-Papa: Missierna, Sliema u Glorja.
Salve Regina lill-Madonna b'suffraġju tal-erwieħ.

**23. Jekk tħobbni, tibkix** (Santu Wistin)

Tibkix it-tluq tiegħi. Isma' dan il-messaġġ. Jekk għandek idea tal-misteru kbir tas-Sema fejn ngħammar jien, kieku kellek tara u tisma' dak li nara u nħoss jien f'dan l-orizzont bla tmiem u f'dak id-dawl li jinfed u jidħol kullimkien, kieku ma tibkix. Ninsab mixrub mis-seħer ta' Alla, mis-sbuħija tiegħu bla qies. Il-ħwejjeġ tal-imgħoddi ma huma xejn quddiemu. Għalik hemm imħabbti, tjubija li int qatt ma tista' tifhem. Iltqajna maż-żmien u tħabbibna; imma dan kien kollu għal ftit ħin u limitat. Issa qed ngħix bit-tama u fl-istennija sabiħa tal-miġja tiegħek fostna. Ħu ħsiebi. Fil-battalji tiegħek immira lejn din id-dar meraviljuża fejn la hemm mewt u fejn noqogħdu flimkien f'rabta safja u intensa, fl-għajn tal-ferħ u l-imħabba. Jekk tassew tħobbni, tibkix.

**24. Ibqa' magħna** (Anna Maria Canopi)

Ibqa' magħna, Mulej Ġesù, għaliex mingħajrek il-mixja tagħna tinżel fid-dalma tal-lejl. Ibqa' magħna, Mulej Ġesù, biex tmexxina fit-toroq tat-tama li ma tmutx. Saħħaħna bil-Kelma tiegħek u bil-ħobż tal-qawwija. Ibqa' magħna, o Mulej, sal-aħħar siegħa meta nagħlqu għajnejna biex nifthuhom għal wiċċek mibdul mill-glorja u nsibu ruħna f'dirgħajn il-Missier, fis-Saltna tal-ġmiel etern. Ammen.

**25. Titlaqniex** (Frère Roger ta’ Taizé)

O Mulej, int jisgħobbik għall-mewt tal-ħbieb tiegħek, tħalliniex negħrqu fin-niket għall-mewt tal-għeżież tagħna. Inti tħoss il-piż tal-mewt ta’ dawk li nħobbu. Permezz ta’ Ġesù Kristu li sofra l-agunija għal kull persuna, inti tbati ma’ dawk li jkunu għaddejjin mill-prova. Permezz tal-qawmien ta’ Kristu inti tiġi biex tħaffef il-piż tqil u tiftħilna għajnejna għall-kobor tal-imħabba. Permezz tiegħu inti ttennilna bla waqfien is-sejħa: “Ejja warajja! Jien ta’ qalb ħelwa u umli. Fija ssib il-mistrieħ, u meta tistrieħ fija, issir taf x’inhi l-vera paċi”.

**26. Talba għall-ħajja** (Il-Papa Benedittu XVI, 27 ta’ Novembru 2012)

Mulej Ġesù, int li żżur u tbierek bil-preżenza tiegħek lill-Knisja u l-istorja tal-bnedmin; int li fis-Sagrament meraviljuż tal-Ġisem u Demm tiegħek iddaħħalna biex nieħdu sehem mill-Ħajja Divina u tagħtina l-okkażjoni biex niggustaw il-ferħ tal-ħajja eterna; aħna nadurawk u nberkuk. Mixħutin quddiemek, għajn u ħallieq tal-ħajja, u tassew preżenti f’nofsna, nitolbuk, kebbes fina r-rispett lejn kull ħajja umana li titwieled, agħtina l-grazzja li naraw fil-ġuf matern l-opra tal-għaġeb tal-Ħallieq, iddisponi l-qlub tagħna biex nilqgħu b’ġenerożità kull tarbija li tieħu l-ħajja. Bierek lill-familji, qaddes l-għaqda bejn il-koppji u agħtihom il-frott ta’ mħabbithom. Dawwal bid-dawl tal-Ispirtu l-għażliet li jagħmlu l-gvernijiet sabiex il-popli u n-nazzjonijiet jagħrfu u jirrispettaw il-qdusija tal-ħajja u ta’ kull persuna. Iggwida l-ħidma tax-xjenzati u t-tobba sabiex il-progress jikkontribwixxi għall-ġid tal-persuna umana u ħadd

ma jbati l-għaks jew l-inġustizzja. Agħti l-karità kreattiva lill-amministraturi u lill-ekonomisti biex jagħrfu jippreżentaw u jmexxu 'l quddiem kundizzjonijiet tajbin biżżejjed biex il-familji żgħażagħ ikunu miftuħa għat-twelid ta' wlied ġodda.

Farraġ lil dawk il-koppji li qed ibatu għax ma jistax ikollhom tfal u fit-tjieba tiegħek ħu ħsiebhom.

Għallem lil kulħadd jieħu ħsieb lill-orfni u lil dawk abbandunati biex dawn iħossu l-imħabba u l-faraġ tal-Qalb Divina tiegħek.

Flimkien ma' Ommok Marija, dik li emmnet u li fiha tnissilt int u ħadt in-natura umana, mingħandek nistennew, Iben veru u waħdieni u Feddej tagħna, il-qawwa li nħobbu u naqdu lill-ħajja u nistennew li ngħixu fik b'rabta mat-Trinità Qaddisa. Ammen.

## 27. Talba ta' ġenituri f'miscarriage

Missier Qaddis, filwaqt li aħna l-ġenituri qed nibku għat-telfa tat-tarbija tagħna li kienet għadha ma twelditx, għinna nemmnu fl-eternità, għax dan mhux it-tmiem. Minkejja t-tbatija kbira li qed inħossu, aħna nemmnu li għad naraw it-tarbija tagħna ferħana miegħek fil-Ġenna. Filwaqt li bil-mod il-mod nippruvaw naċċettaw dak li ġara, nitolbuk, għinna nibqgħu ankrati miegħek. Dan nitolbuhulek bi Kristu Sidna. Ammen.

## 28. Talba għal ġenituri f'miscarriage

Mulej, jien ma nafx x'inhi t-tbatija ta' min jitlef tarbija f'*miscarriage*, iżda naf kemm tista' tkun diffiċli għalihom.

Uħud minnhom huma rrabjati għalik għax ħadtilhom it-tarbija qabel twelditilhom. Oħrajn tbiegħdu mill-fidi għax m'għadhomx jafdawk. Int tifhem kull emozzjoni li huma jħossu u tagħdirhom. Għinhom jaffaċċjaw dan iż-żmien iebes b'mod li jgħinhom ifiqu. Poġġi f'ħajjithom persuni li jgħinuhom iħossu l-imħabba tiegħek mill-ġdid. Il-Verġni Mqaddsa Marija tkun ta' kenn għalihom. Bi Kristu Sidna. Ammen.

**29. Lil Marija, Omm it-trabi li ma twildux**

Marija, Omm it-trabi li ma twildux,
ilqa' fil-ġuf verġinali tiegħek
liż-żgħar kollha maqtula mill-kefrija umana.
Ħa taqla' l-Qalb safja tiegħek
il-ħniena għaċ-ċkejkna innoċenti martri
u tagħti l-grazzja tal-indiema
lil dawk li kkawżaw jew ikkollaboraw fil-mewt tagħhom.
Omm Qaddisa ta' Alla, itlob għal kulħadd
u aħfrilna għax dnibna kontra Alla u kontra ħutna.
Ammen.

**30. Inti qiegħed hemm** (Ernesto Olivero fil-pandemija tal-Covid-19)

Ninsab konvint illi inti tinsab qrib dawk il-persuni li jmutu waħidhom. Xi drabi fuq is-sodda tal-isptar ikollhom biss xi ritratt ta' neputi, xi qalb jew kartolina. Inti tkun hemm viċin kull wieħed minnhom, tkun hemm waqt li jkunu jissieltu, tkun hemm biex tiġbor l-aħħar nifs, xħin iċedu mħabbithom lilek. Inti tkun qrib, tmut magħhom biex teħodhom hemm fuq

fejn tkun magħhom għal dejjem, għall-eternità. Tkun hemm, Ħabib ta' kull wieħed li jmut, f'kull parti tturmentata ta' pajjiżna. Tkun hemm tibki biex tfarraġhom, biex tħaddanhom miegħek, taqbdilhom idhom u tibdel il-biża' tagħhom fil-fiduċja tiegħek. Inti tinsab hemm għax ma tabbanduna lil ħadd, għalkemm int abbandunak kulħadd. Inti tkun hemm għax il-biża', it-tbatija u l-inġustizzja tal-mewt tiegħek ħallsu għal kull wieħed u waħda minna. Inti qiegħed hemm, inti n-nifs ta' dawk li f'dawn il-jiem ħadu l-aħħar nifs. Inti hemm, qiegħed hemm biex jieħdu n-nifs għal dejjem. Tidher biss tama, imma din hi iktar minn tama, hija ċ-ċertezza ta' mħabbtek bla limiti.

## WERREJ TAT-TALB


**De Profundis** (Salm 130) **9**
**Fil-mewt ta' Reliġjuż/a** **10**
**Fil-mewt ta' Saċerdot** **10**
**Fil-mewt ta' Żagħżugħ/a** **11**
**Għal min imut b'mewt ħabta u sabta** **11**
**Għal persuna li mietet wara marda twila** **11**
**Għal persuna li weġġgħetni** **7**
**Għal xi persuna għażiża** **7**
**Għall-Agonizzanti** **14**
**Għall-Ġenituri** **6**
**Għall-Ġenituri u l-Benefatturi** **7**
**Għall-Koppji miżżewġa** **6**
**Għall-Mejtin** **9**
**Għall-Ulied** **5**
**Ibqa' magħna** (Anna Maria Canopi) **16**
**Il-Midinbin għandhom prijorità** (Santa Fawstina Kowalska) **14**
**Inti qiegħed hemm** (Ernesto Olivero fil-pandemija tal-Covid-19) **19**
**Jekk tħobbni, tibkix** (Santu Wistin) **16**
**Kurunella b'suffraġju tal-Erwieħ tal-Purgatorju** **15**
**Lil Marija, Omm it-trabi li ma twildux** **19**
**Offerta tal-Quddiesa b'suffraġju tal-Erwieħ tal-Purgatorju** **5**
**Supplika lil Ġesù għall-Erwieħ tal-Purgatorju** **11**
**Talba għal ġenituri f'miscarriage** **18**
**Talba għall-ħajja** (Papa Benedittu XVI) **17**
**Talba lil Ġesù Kurċifiss** **8**
**Talba lil Ġesù Sagramentat** **11**
**Talba lil Marija Santissma għall-Erwieħ tal-Purgatorju l-iktar minsija** **8**
**Talba ta' ġenituri f'miscarriage** **18**
**Talba universali għall-Erwieħ tal-Purgatorju – Litanija** **12**
**Titlaqniex** (Frère Roger ta' Taizé) **17**

FEJN HU ĦUK?

PROĠETT PARROĊĊA SAN ĠORĠ
2020-2022

# Il-mejjet huwa ħuk